MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2012

Numru 1240/2012

**Il-Pulizija**
**Spettur Nezren Grixti**

**vs**

**Tegest Tamerate Kidane**

Il-Qorti;

Rat l-imputata Tegest Tamerate Kidane ta’ 22 sena ta’ Nazzjonalita minn gewwa l-Eritrea, bint (L)Kamrat u (L)Charlid, imwielda gewwa l-Eritrea fl-01 ta’ Marzu 1990 u residenti gewwa Hal Far Tent Village, Police number 120-004 giet mressqa quddiemha akkuzata talli:

F’25 ta’ Novembru 2012 u dati ta’ qabel f’Malta, ghamel uzu jew attenta jaghmel uzu minn passaport jew

documenti ohra ta' l-ivjaggar mahrug lil persuna ohra, u dan bi ksur tal-Artiklu 4 ta' Kap 61 tal-Ligijiet ta' Malta.

Taht l-istess cirkostanzi, f'Malta, ghen jew geghel jaghti xi prospett falz, dikjarazzjoni falza, jew tgharif ta' fatti foloz lil Ufficjal tal-Immigrazzjoni. U dan bi ksur tal-Artikolu 32 (1c) tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 26 ta' Novembru 2012 (esebit a fol. 8 u 9 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputata waqt l-ezami li sarilha fis-seduta tas-26 ta' Novembru 2012 iddikjarat li ma kelliex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputata kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar is-26 ta' Novembru 2012 ghall-akkuza migjuba fil-konfronti taghha.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputata wiegbet li hija hatja, din il-Qorti wissietha b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghha u taghtha zmien xieraq sabiex jekk trid terga' lura minnha u kien biss wara li staqsietha it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni taghha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputata, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputata hatja ta' l-akkuza kif dedotta kontra taghha.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri u kkunsidrat l-fatt ukoll ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 4 tal-Kap 61 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 32(1)(c) tal-Kap 217 tal-Ligijiet

ta’ Malta, l-Qorti ssib lill-imputata hatja tal-imputazzjoni migjuba fil-konfronti taghha kif minnha ammessi u tikkundannah sentejn(2) prigunerija li b’applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perijodu ta’ erba’(4) snin millum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------